# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 21 ta' Novembru 2019**

**Kawza Numru: 11**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 847/2018 JVC**

**Crocifissa Barbara u Robert Barbara**

**vs**

**Carlo Stivala**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Crocifissa Barbara kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. Ir-rikorrenti Crocifissa Barbara kienet akkwistat, flimkien ma' żewġha Carmelo Barbara, il-fond sebgħa u għoxrin (27), Triq San Ġorġ, Birżebbugia, u dan permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat, datat disgħa u għoxrin (29) ta' April

tas-sena elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982). Mal-mewt tal-imsemmi Carmelo Barbara, in-nofs appartjenenti lilu għaddiet għand ir-rikorrenti Robert Barbara, u dan skont it-testment tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u ħmistax (2015), magħmul in atti tan-Nutar Dottor Antonella Navarro.

2. Fis-sena elfejn u ħmistax (2015), l-esponenti kienet intalbet minn l-intimat biex tħallih jirrisjedi (gratwitament) fil-fond sebgħa u għoxrin (27), Triq San Ġorġ, Birżebbugia, u dan għal perjodu ta' tliet xhur. Mal-għeluq ta' dawn it-tliet xhur, l-intimat talabha terġa tħallih jgħix fil-fond, u r-rikorrenti aċċettaw li l-intimat jiġi tollerat hemmhekk, biss l-intimat kellu joħroġ u jivvaka mill-fond sal-aħħar tas-sena elfejn u ħmistax (2015). L-elfejn u ħmistax (2015) għaddiet, iżda l-intimat baqa' ma ħariġx, u għadu fil-fond sal-lum.

3. Ifisser b'daqstant illi l-intimat qiegħed jokkupa il-fond sebgħa u għoxrin (27), Triq San Ġorġ, Birżebbugia mingħajr ebda titolu fil-liġi jew jedd ieħor. Għalhekk jeżistu l-elementi kollha fil-liġi a tenur tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dan jiżgombra mill-istess.

4. Interpellat jiżgombra mill-imsemmi fond, l-intimat baqa' inadempjenti. Filfatt, l-intimata ma huwa jirriklama l-ebda titolu fuq dan il-fond, u qiegħed biss jivvanta pretensjonijiet għall-ħlas ta' xi allegati benefikati. Naturalment, pretensjonijiet ta' din ix-xorta (li qegħdin jiġu kontestati) ma jikkonferixxu l-ebda titolu, u jridu biss, semai, jiġu mressqa fil-forum u bil-mezz opportun.

5. Għal dawn ir-raġunijiet, u oħrajn, sa fejn taf ir-rikorrenti, l-intimat ma għandu l-ebda eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talba tagħha.

6. Għaldaqstant, huma pjenament sodisfatti r-rekwiżiti imposti mill-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Crocifissa Barbara, f'isimha u għan-nom tar-rikorrent l-ieħor, taf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Raġuni tat-Talba

**1.** Għar-raġunijiet premessi, kellhom jiġu mibdija b'dawn il-proċeduri, b'talba taħt l-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbiet:

Jgħid għalhekk l-intimat 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:

1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat qiegħed jokkupa l-fond sebgħa u għoxrin (27), Triq San Ġorġ, Birżebbugia, mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

3. Konsegwentament tordna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju kif tistabbilixxi din l-Onorabbli Qorti, jiżgombra mill-imsemmi fond hawn imsemmi, u jikkonsenja ċ-ċwievet tiegħu lir-rikorrenti;

B'riserva u mingħajr preġudizzju għal kull dritt u/jew azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra l-intimat. L-intimat huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dokumentazzjoni annessa li tikkonsisti f'kuntratt ta' akkwist tal-fond in kwistjoni bl-indirizz 27, Triq San Gorg, Birzebbuga, fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Brincat esebit a fol. 6 tal-process bid-data tad-29 ta' April 1982;

Rat it-testment *unica carta* ta' Charles Barbara u Crocifissa Barbara li permezz tieghu l-fond in kwistjoni jidher illi ghadda in proprjeta' indiviza bejn l-atturi Crocifissa Barbara u Robert Barbara;

Rat l-affidavit tal-attrici Crocifissa Barbara;

Rat ukoll illi fil-verbal tas-16 ta' Lulju 2019 l-intimat Carlo Stivala gie dikjarat kontumaci;

Semghet ix-xiehda tal-attrici Crocifissa Barbara fis-seduta tallum stess, 21 ta' Novembru 2019;

Tqis illi l-atturi ssodisfaw il-prova rikjesta mil-Ligi illi l-intimat Carlo Stivala qed jokkupa l-fond 27, Triq San Gorg, Birzebbuga minghajr ebda titolu validu fil-Ligi u ghalhekk it-talbiet attrici jisthoqqilhom li jigu milqugha.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tghaddi sabiex tiddisponi mit-talbiet tal-attrici kif isegwi:**

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat qieghed jokkupa l-fond 27, Triq San Gorg, Birzebbuga minghajr ebda titolu validu fil-Ligi;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-intimat sabiex fi zmien massimu ta' xahrejn millum jizgombra mill-fond hawn imsemmi u jikkonsenja c-cwievet tieghu lir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat u b'riserva ghal kull dritt jew azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**21 ta' Novembru 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Novembru 2019**